MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**MARK CHETCUTI**

Seduta ta' l-4 ta' Ottubru, 2011

Citazzjoni Numru. 683/2011

**Avukat Dottor Luigi A. Sansone LL.B. (Hons), LL.D.**
**bħala mandatarju speċjali tas-soċjeta' estera**
**PIONEER KABUSHIKI KAISHA**
**(eżerċitanti l-kummerċ ukoll bl-isem ta'**
**PIONEER CORPORATION), b'indirizz**
**ta' 1-1, Shin-ogura, Saiwai-ku, Kawasaki-shi,**
**Kanagawa, 212-0031, il-Ġappun**

**vs**

**Dr. Yana Micallef Stafrace u P.L. Gerald Bonello**
**gew nominati kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw**
**lil SARL/TABICHE&BOUCHAREB/IMP/EXP,**
**b'indikazzjoni ta' "COPERATIVE ELWAFA**
**EL EULMA,ALGERIA" bħala ndirizz**
**b'digriet tat-22 ta' Awwissu 2011**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tal-attur nomine tas-19 ta' Lulju 2011 li jghid hekk:

1. Illi s-socjeta' attrici, maghrufa sew madwar id-dinja nkluz f'Malta in konnessjoni ma' prodotti ta' natura awdjo-viziva, hija proprjetarja ta' diversi *trademarks* li jkopru dan in-negozju taghha;

2. Illi b'hila u b'invenzjoni, kif ukoll b'hafna sagrificcju finanzjarju u promozzjoni reklamattiva da parti taghha, is-socjeta' attrici kisbet reputazzjoni u avvjament enormi fuq is-swieq mondjali inkluz is-suq lokali, in konnessjoni mat-*trademarks* taghha;

3. Illi fost ohrajn, is-socjeta' attrici ghandha validament irregistrati bhala *Trade Marks* Komunitarji (CTM) il-markji "*Pıoneer*" (figurattiva, numru 000881839, b'effett f'Malta mill-1 ta' Mejju 2004) u "PIONEER" (figurattiva, numru 000089227, ukoll b'effett f'Malta mill-1 ta' Mejju 2004), u dawn dwar *speakers* fost ohrajn;

4. Illi inoltri, is-socjeta' attrici ghandha validament irregistrati f'Malta it-*trademark* bin-numru ta' registrazzjoni 28838 "*Pıoneer*" (b'effett mill-21 ta' Lulju 1998) kif ukoll it-*trademark* bin-numru ta' registrazzjoni 10668 "PIONEER" (b'effett mill-15 ta' Dicembru 1970), u dawn dwar prodotti li jinkludu *speakers* fost ohrajn;

5. Illi s-socjeta' attrici hija "detentrici ta' dritt" ghall-iskopijiet tad-disposizzjonijiet rilevanti kollha tal-Att Dwar Drittijiet Dwar Proprjeta' Intellettwali (Mizuri Intrakonfini) [Kapitolu erbgha mija w erbatax (414) tal-Edizzjoni Riveduta tal-Ligijiet ta' Malta] u tal-*Council Regulation (EC) No 1383/2003 concerning customs action against goods suspected of infringing certain intellectual property rights and the measures to be taken against goods found to have infringed such rights*, biex b'hekk u wkoll b'applikazzjoni tal-artikolu ghaxra (10) tal-istess *Council Regulation (EC) No 1383/2003*, tgawdi mill-protezzjoni derivanti mill-artikoli erbgha (4), tnejn (2) subartikolu wiehed (1) paragrafu (a) u tmienja (8) subartikolu wiehed

(1) tal-istess Kapitolu erbgha mija w erbatax (414), liema artikoli ta’ ligi japplikaw ghal dan il-kaz fost ohrajn;

6. Illi recentement, waqt skrutinji f’sitwazzjoni msemmija fl-artikolu erbgha (4) tal-istess Kapitolu erbgha mija w erbatax (414) kif ukoll fl-artikolu wiehed (1) subartikolu wiehed (1.) tal-*Council Regulation (EC) No 1383/2003*, il-Kontrollur tad-Dwana ssosspenda r-rilaxx tal-*container* TGHU 7512006 kontenenti fost ohrajn, kwantita’ ta’ prodotti senjatament *speakers* gewwa kaxxi, liema prodotti ghandhom fuqhom *trademarks* “*Pıoneer*” u, jew “PIONEER”, jew altrimenti *trademarks* “*PıQneer*”, u kollha wasslu fil-port hieles ta’ Marsaxlokk (*Malta Freeport*) waqt il-kors ta’ procedura ta’ trasbord (*transhipment*). L-istess Kontrollur tad-Dwana informa lis-socjeta’ attrici dwar din is-sejba f’cirkustanzi suspetti sabiex isiru l-verifiki opportuni dwar kontravvenzjonijiet ta’ drittijiet dwar proprjeta’ intellettwali;

7. Illi s-socjeta’ attrici giet mgharrfa bis-sejba fl-ghoxrin (20) ta’ Gunju elfejn u hdax (2011) u, wara li ezaminat ritratti elettronici u kampjuni ta’ dawn l-oggetti, ikkonfermat lill-istess Kontrollur tad-Dwana li fil-fatt dawn huma oggetti falsifikati. Minn naha tieghu, il-Kontrollur tad-Dwana ghaddilha kopja ta’ polza ta’ karigu relattiva ghal dan il-kaz intitolata *DRAFT BILL OF LADING* fejn, bhala kunsinnatarju hemm indikat SARL/TABICHE&BOUCHAREB/IMP/EXP, b’indikazzjoni ta’ “COPERATIVE ELWAFA EL EULMA,ALGERIA” bhala ndirizz;

8. Illi effettivament allura, l-oggetti lkoll mertu ta’ din il-vertenza, jikkontravvjenu d-drittijiet dwar proprjeta’ intellettwali tas-socjeta’ attrici stante li oggetti falsifikati;

9. Illi l-Kontrollur tad-Dwana pprefiggja terminu sad-dsatax (19) ta’ Lulju elfejn u hdax (2011) inkluz, sabiex is-socjeta’ attrici taghtih prova li nbdew l-opportuni procedimenti gudizzjarji civili li jwasslu ghal decizjoni sostantiva dwar il-merti tal-kaz;

10. Illi d-dikjarant jaf personalment bil-fatti hawn kollha dikjarati;

11. Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza;

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet hawn qabel premessi l-attur *nomine* umilment jitlob li dina l-Onorabbli Qorti:

1. Tiddikjara li l-prodotti konsistenti fi *speakers* gewwa kaxxi, liema prodotti ghandhom fuqhom *trademarks* "*Pioneer*" u, jew "PIONEER", jew altrimenti *trademarks* "*PIQNEER*", u kollha jinsabu prezentement mizmuma taht l-awtorita' tal-Kontrollur tad-Dwana wara li huwa kien sab li l-*container* TGHU 7512006 kien jikkontjeni l-imsemmija oggetti fost ohrajn, jikkontravvjenu d-drittijiet ta' proprjeta' intellettwali tas-socjeta' attrici stante li oggetti falsifikati;

2. Tordna lill-Kontrollur tad-Dwana li jiddisponi minn tali oggetti 'l hinn mill-kanali tal-kummerc b'dak il-mod li jipprekludu xi hsara lis-socjeta' attrici jew tordna lill-Kontrollur tad-Dwana li jiddistruggi dawk l-oggetti, f'kull kaz minghajr ebda kumpens lill-konvenuta u ghas-spejjez taghha;

3. Tiehu, jew tordna lill-Kontrollur tad-Dwana li jiehu dwar dawk l-oggetti, kull mizura ohra li jkollha l-effett li effettivament iccahhad lill-konvenuta mill-beneficcji ekonomici tat-transazzjoni;

4. Tordna li l-konvenuta ghandha tbati l-ispejjez l-ohra kollha konnessi mal-mizuri ordnati ai termini tat-tieni u tat-tielet talbiet attrici, inkluzi dawk tal-identifikazzjoni u tal-ghadd tal-imsemmija oggetti, tat-trasport taghhom ghall-lok tal-hazna, tal-hazna stess, tat-trasport mill-lok tal-hazna sal-lok tal-eventwali distruzzjoni, u tal-attendenza waqt id-distruzzjoni;

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta li tibqa' minn issa ingunta ghas-subizzjoni taghha

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokumenti li huma esebiti u mmarkati minn Dok. A sa Dok. J;

Rat id-digriet tat-22 ta’ Awwissu 2011 fejn gew nominati l-kuraturi deputati ndikati sabiex jidhru ghall-entita` intimata;

Rat li r-risposta guramentata tal-kuraturi deputati tas-26 ta’ Settembru 2011 fejn ecceppew:

Illi l-esponenti mhumiex edotti mill-fatti u ghalhekk qeghdin jirrizervaw id-dritt li jipprezentaw risposta motivata f’kaz u jekk jigu edotti mill-fatti;

Rat il-lista tax-xhieda ta’ l-istess kuraturi deputati;

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fis-27 ta’ Settembru 2011 fejn meta ssejhet il-kawza dehru Dr. Luigi A. Sansone nomine u Dr. Yana Micallef Stafrace bhala kuratur li ddikjaraw li f’dan l-istadju ma ghandhomx provi ohra. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghall-4 ta’ Ottubru 2011;

Rat ix-xhieda kollha prodotta;

Rat id-dokumenti kollha esebiti;

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza;

**Ikkunsidrat**

Illi jirrizulta li is-socjeta` attrici hija proprjetarja ta’ diversi markji fost ohrajn tal-markju ‘Pioneer’ liema markju hu uzat minn din is-socjeta` fuq diversi prodotti li jinkludi speakers, u dan skond kif jidher fuq id-Dokumenti B sa E, liema markju hu registrat fir-Registru tal-Markji f’Malta taht Trademark numri 28838 u 10668 u f’dak Komunitarju bin-numri 000881839 u 000089227.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li f’*container* Numru TGHU7512006 li kien inhatt fil-port hieles ta’ Marsaxlokk minn fuq il-vapur CMA CGM LYRA li kien diehel Malta fl-14 ta’ Gunju 2011 l-Ufficjali tad-Dwana sabu konsenja ta’ sitta u ghoxrin elf u ghoxrin (26,020) speakers u kaxxi relattivi li jgiebu l-markju distintiv tas-socjeta’ rikorrenti u li

kien hemm suspett li ma humiex genwini u dan bi ksur tal-projibizzjoni tal-artikolu 4 tal-Kap. 414, u minn ezamijiet li saru sussegwentement fuq l-istess oggetti, instab li dawn kienu kontrafatti. Dan kollu jirrizulta mir-rapporti datat 5 ta' Awwissu 2011 (Dok. LS03) maghmula minn Kazumi Kuriyama, rapprezentant tas-socjeta' rikorrenti.

Illi allura jirrizulta li kien hemm ksur tal-artikoli appositi tal-Kap. 414, u s-socjeta` attrici inizjat dawn l-opportuni proceduri gudizzjarji skont il-ligi, u fit-terminu indikat.

Peress li l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet attrici jidhru li gew kollha konfermati permezz tad-dokumenti esebiti mar-rikors guramentat esebiti bhala Dok. A sa Dok. J u atti ohra prezentati fl-atti tal-kawza li jinkludi l-affidavit tal-Ufficjal tad-Dwana (Dok. G) li kkonferma li l-istess oggetti hawn indikati ghadhom qed jinzammu fl-imhazen tad-Dwana, u tar-rapport ta' Kazumi Kuriyama li ikkonferma li mill-ezamijiet li saru fuq l-istess merkanzija mertu tal-kawza odjerna kienet fil-fatt kontrafatta.

Illi l-ispejjez kollha nkluzi sabiex issir id-distruzzjoni tal-istess oggetti hija elenkata fl-affidavit Dok. G ta' George Agius, Ufficjal tad-Dwana datat 18 ta' Lulju 2011. Ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu milqugha kif gej:

**Konkluzzjoni**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, taqta' u tiddeciedi, billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-kuraturi deputati

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-konsenja konsistenti f'sitta u ghoxrin elf u ghoxrin (26,020) speakers in kwistjoni u kaxxi relattivi li jinsabu maqbuda wara l-applikazzjoni bil-miktub li ghamlet is-socjeta` rikorrenti lill-istess Kontrollur, huma oggetti falsifikati u/jew oggetti mdahhla b'piraterija (skond l-artikolu 2(1)(a) u (b) tal-Kap. 414;

2. Tiddikjara u tiddeciedi illi d-dhul gewwa Malta u/jew l-importazzjoni temporanja u/jew tqeghid gewwa zona hielsa jew mahzen hieles ta' din il-konsenja konsistenti f'sitta u ghoxrin elf u ghoxrin (26,020) speakers u kaxxi

relattivi b'Container Numru TGHU7512006 da parti tas-socjeta` intimata u li jinsabu maqbuda wara l-applikazzjoni bil-miktub li ghamlet is-socjeta` rikorrenti lill-Kontrollur tad-Dwana jikkontravvjenu d-dritt ta' proprjeta` intellettwali tas-socjeta` rikorrenti nkwantu li ma humiex genwini, skond l-artikolu 2(1)(a)(i)(ii)(iii) u (b) tal-Kap. 414 (Att dwar Drittijiet Dwar Proprjeta' Intellettwali (Mizuri Intrakonfini)) u ghaldaqstant vjolazzjoni tal-artikolu 4 tal-istess Kap. 414, u dan fil-konfront tat-Trademarks registrati f'isem is-socjeta` rikorrenti bin-numri 28838 u 10668 fir-Registru tal-Markji ta' Malta, u dawk Komunitarju;

3. Tordna lill-Kontrollur tad-Dwana sabiex abbazi tal-ewwel zewg talbiet attrici fi zmien qasir u perentorju ta' disghin (90) gurnata mid-data ta' din is-sentenza jiddistruggi l-speakers in kwistjoni u kaxxi relattivi minghajr ebda kumpens lil, u a spejjez tas-socjeta` intimata, skond l-artikolu 8 tal-Kap. 414;

4. Tordna lis-socjeta` intimata thallas l-ispejjez kollha fir-rigward tat-trasport, tal-hazna, tad-distruzzjoni tal-konsenja ta' sitta u ghoxrin elf u ghoxrin (26,020) speakers in kwistjoni u kaxxi relattivi, u tal-ispejjez tal-Ufficjali tad-Dwana skond it-termini tal- Kap. 414 kif jirrizulta mill-prospett fl-Affidavit Dok. G;

5. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tielet talba attrici billi ma hemmx bzonnha;

Bl-ispejjez kontra s-socjeta'/entita' konvenuta b'dan li l-kuraturi deputati jithallsu skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------